MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 141/2008

Carmelo **VASSALLO**

vs

Philip **VASSALLO** u Maria Dimech

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta’ Frar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin qegħdin jidħl abbużivament fuq raba’ tiegħu li jinsab fi Sqaq id-Dukkara, fil-limiti ta’ Ħaż-Żebbuġ, Malta, biex jieħdu l-ilma minn bir li jinsab ukoll fl-istess art u li huma m’għandhom l-ebda jedd għalih; (b)

issib li l-ġid tiegħu fuq imsemmi m'huwa suġġett għall-ebda jedd ta' mogħdija jew servitu' oħra favur l-imħarrkin; u (ċ) iżżomm lill-imħarrkin milli jidħlu fir-raba' tiegħu u milli jieħdu l-ilma mill-bir li jinsab fih. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fil-11 ta' Marzu, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li dawk it-talbiet ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex id-dħul u mogħdija mir-raba' tal-attur ilu jsir bosta snin biex ikun jista' jittella' l-ilma mill-bir għat-tisqija tar-raba' li mess lilhom. Billi dan kien ilu jsir is-snin u huma qatt ma irrinunzjaw għal dak id-dritt, l-attur ma jistax jaqbad u jżommhom milli jibqgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2009, li bih ordnat lill-imħarrkin iressqu x-xhieda tagħhom b'affidavit saż-żmien hemm imsemmi, wara li l-attur iddikjara li ma kellux provi oħrajn x'iressaq;

Rat ix-xhieda mressqa mill-imħarrek bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali mehmużin miegħu;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u tax-xhud imressqin minnhom;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2010[1], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-9 ta' Settembru, 2010[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-20 ta' Ottubru, 2010[3], bi tweġiba għal dik tal-attur;

---

[1] Paġ. 105 tal-proċess
[2] Paġġ. 106 – 111 tal-proċess
[3] Paġġ. 113 – 5 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Novembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni negatorja. L-attur, sid ta’ wejba raba’ fil-limiti ta’ Ħaż-Żebbuġ, jgħid li l-imħarrkin qegħdin jidħlu minn fuq dak ir-raba’ tiegħu biex jgħaddu minnu ħalli jieħdu ilma minn bir li jinsab f’dak ir-raba’. Huwa jrid iwaqqafhom milli jibqgħu jagħmlu dan għaliex jgħid li l-art tiegħu m’hija mtaqqla bl-ebda servitu’ u li huma m’għandhomx jedd jieħdu ilma mill-bir tiegħu;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu li ma kien minnu xejn li r-raba’ li mess lil ħuhom l-attur kien meħlus minn servitu’, għaliex, sa minn żmien twil qabel ma miet missierhom, dak ir-raba’ kien marbut li jagħti jedd ta’ mogħdija u aċċess għal kamra u kif ukoll għal bir li minnu jittella’ l-ilma għat-tisqija tar-raba’ kollu u mhux biss ta’ dak ir-raba’ li mess lill-attur b’legat. Minħabba li dawk il-jeddijiet kien ilhom jeżistu żmien twil u kienu jinqdew bihom u minħabba li huma qatt ma irrinunzjaw għal dawk il-jeddijiet, qalu it-talbiet tal-attur ma jmisshomx jintlaqgħu;

Illi mill-<u>fatti u provi li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur jiġu ħu l-imħarrkin, ilkoll ulied il-mejtin Ġanni u Karmni Vassallo. Il-wirt tal-ġenituri kien regolat b’testment *unica charta* tat-18 ta’ Frar, 1964[4], li fih, fost l-oħrajn, ħallew lil binhom l-attur legati għas-saldu ta’ kull jedd u pretensjoni tiegħu mill-wirt tagħhom, filwaqt li ħatru b’werrieta tagħhom f’ishma ndaqs bejniethom lil uliedhom Philip, Ġiovanna u Maria. Missier il-partijiet miet f’Novembru tal-1979, filwaqt li ommhom kienet mietet qablu, f’Marzu tal-1966. Wara mewthom, fi Frar tal-1982[5] l-aħwa werrieta qasmu l-ġid li kien hemm fil-wirt, imma

[4] Dok “1”, f’paġġ. 47 sa 50 tal-proċess
[5] Dok “PV3”, f’paġġ. 61 – 3 tal-proċess

waħda mill-aħwa – Ġiovanna Vassallo – biegħet sehemha lill-imħarrek. Fost il-ġid li nqasam, kien hemm raba' li jinsab fi Sqaq tad-Dukkara, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, li kien inkiseb minn missier il-partijiet waqt iż-żwieġ tiegħu, fl-1947[6] għal dak li jirrigwarda biċċa minnu, u mbagħad il-bqija fl-1971[7], wara li kien romol. Bis-saħħa tal-kuntratt tal-qasma, l-werrieta qasmu dik ir-raba' li missierhom kien xtara fl-1947 u fl-1971, filwaqt li lill-attur messu madwar l-wejba minn dik ir-raba' li kienet tħalliet lilu b'titolu ta' legat mill-ġenituri tiegħu u li kienet ġejja minn wirt ta' missieru;

Illi r-raba' li kiseb missier il-partijiet kemm fl-1947 u kif ukoll fl-1971 ('il quddiem imsejjaħ "ir-raba' mixtri") kellu l-jedd li juża kamra u bir li kienu jinsabu f'ġid ieħor li kellu l-istess missier il-partijiet sa minn qabel ('il quddiem imsejħa "ir-raba' mirut"). Matul iż-żmien li r-raba' kien għadu jinħadem minn missier il-partijiet, l-ilma għat-tisqija ta' dak ir-raba' kollu kien jittella' mill-bir imsemmi li jinsab f'dik ir-raba' li huwa kellu[8]. Wara li l-missier refa' mix-xogħol tar-raba', qabbel ir-raba' mixtri lill-imħarrkin filwaqt li l-attur żamm ir-raba' mirut;

Illi fl-1998, l-attur ħarrek lil ħutu l-werrieta biex jimmittuh fil-pussess tal-legat ta' sehemu mir-raba', u l-kawża nqatgħet favurih f'Jannar tal-2007[9]. L-immissjoni tal-pussess saret formalment b'att nutarili tat-22 ta' Ġunju, 2007[10];

Illi l-attur ma riedx li l-imħarrkin jibqgħu jgħaddu minn fuq ir-raba' tiegħu u lanqas li jibqgħu jieħdu l-ilma mill-bir, imma huma ma ridux jafu. Ir-raba' tal-attur jaħdmuh uliedu Paul u John, minħabba li l-attur m'għadux jimxi[11];

Illi fi Frar tal-2008, infetħet din il-kawża. F'Settembru tal-2009, l-imħarrka Maria Dimech biegħet is-sehem tagħha mir-raba' lil Mario u Patricia miżżewġin Abela[12];

[6] Dok f'paġġ. 21 – 4 tal-proċess
[7] Dok f'paġġ. 25 – 9 tal-proċess
[8] Affidavit tal-attur, f'paġ. 32 tal-proċess
[9] Ċitazz. Nru. 1562/98GC, paġġ. 7 – 11 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess
[11] Affidavit ta' Paul Vassallo, f'paġ. 34 tal-proċess
[12] Dok f'paġġ. 74 – 7 tal-proċess

Illi b'konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ jibda biex jingħad li l-qofol tal-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet hija sewwasew dik dwar jekk il-jedd ta' mogħdija minn fuq ir-raba' tal-attur u tat-teħid ta' ilma minn bir li jinsab fl-istess raba' tiegħu għadux jeżisti favur ir-raba' tal-imħarrkin, wara li r-raba' tal-partijiet inqasam bejniethom. Ma jidhirx li hemm dubju li l-parti tar-raba' fejn hemm il-bir kien jagħmel minn qasam akbar li missier il-partijiet kien kiseb matul ħajtu, u li biċċa mir-raba' li hu kien kiseb kellha l-jedd tinqeda bis-servitu' li tieħu l-ilma ta' dak il-bir għat-tisqija. Dak li ma jaqblux dwaru llum il-partijiet hu jekk, wara li saret l-immissjoni formali fil-pussess tal-attur għas-sehem ta' dak ir-raba' imħolli lilu b'legat u wara li saret il-qasma tar-raba' l-ieħor bejn il-werrieta l-oħrajn, dak is-servitu' baqax jgħodd;

Illi ta' min jgħid li, matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja, l-imħarrka Maria Dimech biegħet is-sehem tagħha mill-imsemmi raba' lil ħaddieħor bla ma żammet riżerva tal-pretensjonijiet tagħha u jidher ukoll li x-xerrejja wrew il-fehma li lanqas ma kien jinteressahom li jgħaddu minn fuq ir-raba' tal-attur jew li jieħdu l-ilma mill-bir in kwestjoni;

Illi, fil-qofol tagħha, kif ingħad, l-azzjoni tal-attur hija dik magħrufa bħala l-azzjoni negatorja li l-għan waħdieni tagħha huwa dak li tikseb dikjarazzjoni li l-ġid tal-parti attriċi mhux suġġett għal servitu' favur ġid ta' ħaddieħor, u li jitneħħa dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija ħielsa minn kull servitu'. Kemm hu hekk, hemm min iqis azzjoni bħal din bħala waħda ta' "kważi rivendika"[13]. Meta, fl-azzjoni negatorja, wieħed jgħid li fond m'huwiex suġġett għal servitu', dan jista' jinkludi kemm il-każ fejn tali fond qatt ma kien suġġett għal servitu' jew il-każ fejn fl-imgħoddi kien hemm servitu' li ma tkunx għadha jew baqgħet teżisti, għal xi wieħed mill-modi maħsuba fil-liġi. Din l-azzjoni tinbena fuq il-presuppost li l-ġid immobbli huwa ħieles[14]. Għalhekk hija azzjoni ta' għamla petitorja[15] u tista'

---

[13] Ara, Maġ. (Għ) AE **13.11.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Attard et vs Carmel Azzopardi et***

[14] P.A. **9.1.1877** fil-kawża fl-ismijiet ***Desain vs Piscopo Macedonia*** (Kollez. Vol: **VIII.21**)

[15] App. Ċiv. **19.2.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.10**)

titressaq biss minn min hu sid tal-post[16] u mhux minn kull min ikun jippossedih, u dan bħala effett dirett tal-fatt li l-azzjoni petitorja tirrigwarda jeddijiet reali[17]. Fil-każ tal-lum, l-attur huwa s-sid tar-raba' li dwaru ressaq l-*actio negatoria servitutis* u dan bis-saħħa tal-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess li sar f'Ġunju tal-2007;

Illi kif tajjeb jgħid l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fl-azzjoni negatorja l-piz tal-prova tal-esistenza ta' servitu' fuq il-fond tal-attur taqa' fuq il-parti mħarrka[18], minkejja li din tkun tinsab fil-kważi-pussess tas-servitu' pretiża[19]. Għalhekk, kulma għandu jipprova l-attur f'kawża bħal din hu li huwa tassew sid il-post li fuqu qiegħed jiġi pretiż is-servitu'. Filwaqt li l-parti mħarrka trid turi li tassew teżisti s-servitu' minnha vantata[20]**;**

Illi għal dak li jirrigwarda l-azzjoni attriċi maħsuba biex tistabilixxi li l-fond tal-atturi m'huwiex suġġett għal servitu' favur il-ġid tal-imħarrkin, jidħlu żewġ għamliet ta' servitu'. Fl-ewwel lok, hemm il-kwestjoni tas-servitu' tal-mogħdija jew passaġġ. Fit-tieni lok, hemm il-kwestjoni tas-servitu' tat-teħid ta' ilma għat-tisqija minn ġo bir li jinsab fir-raba' tal-attur;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dak l-istħarriġ jista' jsir biss u jekk ikun il-każ wara li titqies kwestjoni oħra ta' siwi ewlieni fis-soluzzjoni tal-każ. F'dan il-każ, ir-raba' mirut ta' missier il-partijiet kien tassew suġġett għal servitu'. Dak ir-raba' kien suġġett kemm għas-servitu' ta' mogħdija favur żewġ fondi dominanti ta' żewġ sidien differenti. Ġara, iżda, li missier il-partijiet kiseb, b'xiri, r-raba' li kien igawdi s-servitu' msemmija minn fuq ħwejġu. Fi kliem ieħor, hekk kif missier il-partijiet xtara r-raba' mingħand Giovanna Abela, kemm ir-raba' mirut – dak li kien il-fond serventi – u kif ukoll ir-raba' mixtri – dak li kien il-fond dominanti – saru ġid tal-istess sid. F'każ bħal dan, il-liġi

---

[16] App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon et vs Degiorgio*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.485**)

[17] P.A. **3.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Grima et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1219**)

[18] App. Ċiv. **28.1.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Magro*** (Kollez. Vol: **XLI.i.69**)

[19] P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Schembri vs Leonilda Farruġia***

[20] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joan Cachia vs Marianna Schembri***

trid li kull servitu’ tintemm hekk kif il-ġid serventi u l-ġid dominanti jsiru tal-istess sid[21];

Illi l-attur jgħid li hekk kif missieru kiseb ir-raba’ mixtri, kull servitu’ li kien itaqqal ir-raba’ mirut tiegħu intemm. Iżid jgħid li, minkejja li l-missier u wkoll il-partijiet, bejn l-1971 u l-1979 (meta miet il-missier) baqgħu jinqdew bil-bir biex isaqqu r-raba’ kollu (jiġifieri, kemm dak mirut u kif ukoll dak mixtri), u minkejja li seta’ kien il-każ li l-missier kien qabbel xi parti mir-raba’ lill-imħarrek, dan la żamm ħajjin is-servitu’ li kien hemm qabel ma lmissier xtara, u lanqas reġa’ għajjixhom wara li qabbel u ħalla lil uliedu jaħdmu bnadi differenti minn dik ir-raba’. Huwa jissottometti wkoll li l-imsemmija servitu’ ma tissemmiex la fit-testment li bih ir-raba’ mirut tħalla b’legat lilu, la fil-kuntratt tal-qasma li sar bejn ħutu l-imħarrkin u oħthom Giovanna, u wisq anqas fil-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess li sar fl-2007. Huwa jqis dan is-skiet bħala sinjal ċar li dawk is-servitu’ ma kenux għadhom fis-seħħ tul dawk iż-żminijiet kollha rilevanti. Dwar dan l-aħħar argument, il-Qorti tħoss li għandha tfakkar li, meta sar it-testment *unica charta* u sa mill-anqas seba’ (7) snin wara, l-art imħollija b’legat lill-attur kienet għadha suġġetta għall-imsemmija servitu’, tant li meta missier il-partijiet xtara r-raba’ fl-1971 (wara li kien ilu armel ħames snin), fl-istess kuntratt issemma li r-raba’ li kien qiegħed jixtri kien igawdi s-servitu’ tal-mogħdija u tat-teħid tal-ilma favur il-ġid li kien diġa’ għandu minn qabel. Fi kliem ieħor, is-skiet tal-klawsola tal-legat fl-imsemmi testment ma tistax tittieħed bħala prova li s-servitu’ ma kinux għadhom fis-seħħ;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li sa minn żmien qadim, huma lkoll kienu jinqdew minn dak il-bir biex isaqqu r-raba’ li kien f’idejhom u li biex jagmlu hekk kellhom tabilfors jgħaddu minn dik ir-raba’ mirut biex jidħlu sa ħdejn il-bir. Jgħidu wkoll li missierhom żamm din il-prattika sakemm baqa’ jiflaħ jaħdem ir-raba’ u li, sa bosta snin wara mewt missierhom, l-attur ma żammhomx milli jibqgħu jgħaddu minn fuq ir-raba’ mħolli lilu b’legat u milli jieħdu l-ilma mill-bir biex isaqqu r-raba’ tagħhom.

[21] Art. 480(1) tal-Kap 16

Minbarra dan, huma jistrieħu wkoll fuq dak li jipprovdi l-artikolu 480(2) tal-Kodiċi Ċivili marbut mal-artikolu 470 tal-istess;

Illi huwa fatt ukoll li l-imħarrek kien fil-pussess tal-jedd tal-mogħdija u tat-teħid tal-ilma mill-bir, tant li, fl-2000, fetaħ kawża ta' spoll kontra l-attur u ngħata raġun[22]. Il-Qorti ma ssibx li dan l-argument jista' jkun ta' wisq għajnuna għall-imħarrek, għaliex l-azzjoni ta' spoll ma tiddeċidix ħwejjeġ ta' natura petitorja imma biss dwar reintegrazzjoni ta' pussess. Fi kliem ieħor, ma jista' jingħad bl-ebda mod li dik is-sentenza nisslet jew ikkonfermat il-jedd ta' servitu' għat-teħid tal-ilma favur l-imħarrek (ta' min jgħid li f'dik il-kawża l-imħarrka Maria Dimech lanqas kienet parti);

Illi għalhekk, l-imħarrkin iridu juru b'mod aħjar li dak is-servitu' li jgħaddu minn fuq ir-raba' tal-attur biex jidħlu jtellgħu l-ilma mill-bir huwa fis-seħħ. Huma jargumentaw[23] li meta r-raba' għadda għandhom bis-saħħa tal-wirt mingħand il-ġenituri tagħhom u ma baqax aktar ġid ta' sid wieħed, is-servitu' li kien hemm qabel reġgħu issoktaw iseħħu, bla ma kienet meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni la fit-testment tal-ġenituri tagħhom u lanqas fil-kuntratt tal-qasma ta' bejniethom. Ikomplu jżidu li, mbagħad, wieħed ma jistax jgħid li hemm jedd biex jittella' l-ilma mill-bir mingħajr il-jedd li wieħed jgħaddi minn fuq ir-raba' biex jasal sa ħdejn dak il-bir;

Illi huwa minnu li l-liġi tagħraf li, wara li servitu' tintemm minħabba li l-ġid dominanti u l-ġid serventi jsiru tal-istess persuna, dik is-servitu' tista' terġa' tissokta u tieħu l-ħajja mill-ġdid jekk kemm-il darba dak il-ġid jerġa' jsir ta' sidien differenti. Jidher li biex dan jiġri jeħtieġ jikkonkorru ċerti ċirkostanzi. Dawn huma li (i) s-sid li fil-persuna tiegħu tkun seħħet l-għaqda tal-fond serventi mal-fond dominanti jkun ittrasferixxa parti minnu b'kuntratt, (ii) li l-fużjoni tkun seħħet bis-saħħa ta' kuntratt u mhux bis-saħħa ta' suċċessjoni b'wirt[24]; u (iii) li meta jsir it-trasferiment tal-biċċa mill-ġid, ikun hemm sinjal li jidher tas-servitu' li

---

[22] Ċitazz. Nru. 1815/00JA maqtugħa fil-**25.10.2004**; paġġ. 64 sa 70 tal-proċess
[23] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġ. 114 tal-proċess
[24] App. Ċiv. **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Calleja et vs Philip Grima***

kienet teżisti qabel ma seħħet il-fużjoni. L-imħarrkin jgħidu li, fil-każ tagħhom, dan is-sinjal jidher għaliex hemm il-mogħdija li twassal għall-bir (u jerġgħu jsemmu wkoll il-konferma tal-jedd tal-aċċess għall-bir magħmula fis-sentenza tal-kawża tal-ispoll). Min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li wkoll kieku kellu jitqies li wara l-mewt ta' missieru l-ġid li kellu nqasam, xorta waħda ma jistax jingħad li s-servitu' li kien hemm qabel fuq ir-raba' mirut reġa' ħa l-ħajja favur ir-raba mixtri (li nqasam bejn l-imħatrrkin). Dan jgħidu għaliex is-servitu' tal-mili tal-ilma m'hijiex waħda kontinwa għaliex għaliex għall-eżerċizzju tagħha huwa meħtieġ fil-waqt il-fatt tal-bniedem[25] u lanqas ma hi waħda li tidher, għaliex dik is-servitu' m'għandhiex sinjal li jidher għall-eżistenza tagħha[26]. Iżid jgħid li, ladarba hija servitu' li mhix kontinwa, tista' tkun stabilita biss bis-saħħa ta' titolu;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li meta l-artikolu 480(2) jitkellem dwar "sinjal li jidher ta' servitu'", dan qiegħed jitkellem dwar servitu' li jidhru[27]. Issa huwa magħruf li la l-jedd li wieħed jimla l-ilma minn bir u lanqas il-jedd ta' mogħdija ma huma servitujiet kontinwi, għaliex fit-tnejn li huma din il-kwalita' tiddependi mill-**mod** kif jintużaw u mhux mill-**jedd** li wieħed jużahom x'ħin ifettillu. Fil-każ tal-lum, is-servitu' ewlenija kienet il-jedd li wieħed itella' l-ilma mill-bir, u l-jedd tal-aċċess għal dak il-bir kien biss sekondarju safejn kien meħtieġ li wieħed jasal sa ħdejh biex itella' l-ilma. Is-servitu' li wieħed itella' u jimla l-ilma minn bir **m'hijiex waħda mis-servitujiet li jidhru**: il-fatt li wieħed jilmaħ bir ma jfissirx b'daqshekk li minnu jista' jtella' l-ilma wkoll minn m'huwiex sidu. Għalhekk, fil-każ tal-kwestjoni jiġi nieqes wieħed mill-elementi meħtieġa biex jidħol fis-seħħ dak li jiddisponi l-artikolu 480(2) tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra dan, it-titolu li huwa meħtieġ biex joħloq is-servitu' li m'hijiex kontinwa jrid ikun kuntratt pubbliku, b'mod li ma jiswa xejn dak l-arranġament li seta' kien hemm bejn il-partijiet interessati bħala *modus vivendi* fir-rapporti tagħhom ma' xulxin (ukoll jekk għal tul ta' żmien)

---

[25] Art. 455(3) tal-Kap 16
[26] Art. 455(5) tal-Kap 16
[27] P.A. **29.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.954**) a fol. 957

meta l-ġid kien għadu ta' sid wieħed qabel ma nqasam, biex isejjes il-ħolqien ta' dik is-servitu'[28];

Illi minħabba li kien jaqa' fuq l-imħarrkin li jippruvaw kif imiss it-titolu tas-servitu' li huma jirreklamaw minn fuq il-ġid tal-attur, u minħabba li f'materja ta' kostituzzjoni ta' servitu' għandha tingħata tifsira restrittiva favur il-fond preżunt li jkun serventi, jiġi li f'dan il-każ l-istess imħarrkin ma seħħilhomx juru tabilħaqq li r-raba' tagħhom għadu jgawdi tassew is-servitu' li jtella' l-ilma mill-bir li jinsab fir-raba' tal-attur. Ma jidhirx barra minn loku li l-Qorti tosserva li, meta matul iż-żmien li l-kawża kienet qiegħda tinstema', l-imħarrka Maria Dimech biegħet ir-raba' tagħha lill-miżżewġin Mario u Patricia Abela, l-kuntratt tat-trasferiment ma jsemmi bl-ebda mod li dik ir-raba' kienet tgawdi xi servitu' minn fuq art l-attur, talli għall-kuntrarju, jissemma li dik ir-raba' mibjugħa kienet "tinkludi bir fiha";

Illi ladarba ma ntweriex li l-imħarrkin għandhom is-servitu' tal-mili tal-ilma mill-bir li jinsab fir-raba' tal-attur, wisq anqas jifdal skop li wieħed jistħarreġ jekk huma għandhomx ukoll il-jedd ta' servitu' ta' mogħdija minn fuq ir-raba' tal-attur. Fl-ewwel lok, dan jingħad għaliex dak l-aċċess kien marbut sfiq ma' u sakemm kien għadu fis-seħħ il-jedd tas-sidien tal-fond dominanti li jtellgħu l-ilma mill-bir li kien jinsab fir-raba' mirut. Fit-tieni lok, dan jingħad għaliex ir-raba' li jinsab f'idejn l-imħarrkin għandu dħul minn band'oħra li tagħti fuq triq pubblika, u ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandhom għalfejn jinqdew bir-raba' tal-attur;

Illi minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda ssib li l-azzjoni attriċi hija tajba u ma tistax toqgħod fuq l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l0-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin kienu qegħdin jidħlu fir-raba' tal-attur bla jedd u bla jedd ukoll

[28] App. Ċiv. **29.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Oliver James et vs Joseph Testa et*** (kawża dwar jedd ta' mogħdija)

kienu qegħdin itellgħu l-ilma mill-bir li jinsab fir-raba' tiegħu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-imħarrkin, u ssib li r-raba' tal-attur m'huwa suġġett għall-ebda servitu' favur ir-raba' tal-imħarrkin;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin m'għandhom l-ebda jedd li jgħaddu minn fuq ir-raba' tal-attur u lanqas li jtellgħu l-ilma mill-bir li jinsab fir-raba' tiegħu;

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------